FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 26 ta' Marzu 2025

**Il-Pulizija**
**vs**
**Ryan Refalo**

Każ. nru. 522/2021 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Ryan Refalo**, iben David u Shirley nee` Scerri, imwieled il-Pieta nhar l-14 ta' Awissu 1991 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 415291M, akkużat talli nhar l-20 ta' Awissu 2021 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) ġewwa Triq il-Marsa, Marsa u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer

1. Bil-ħsieb li jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioe feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1295 Dylan Abela, wera dan il-ħsieb billi b'atti esterni ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u li liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta tiegħu;
2. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1295 Dylan Abela skont kif iċċertifikat minn Dr. Stephanie Brincat (Med. Reg. no. 6183) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
3. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jagħmlu id-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahallhom fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi;
4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għad-dannu ta' diversi persuni u/jew entitajiet oħra u dan billi għamel ħsara f'diversi vetturi ta' terzi (CEC408, AQZ483, IIO999 u LCX834);
5. Saq il-vettura ta' għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 b'manjiera traskurata;

6. Saq il-vettura ta' għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 b'manjiera perikoluża;
7. Saq il-vettura għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 b'manjiera bla kont;
8. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja imposti mil-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. G. Grixti LL.D. nhar il-11 ta' Ġunju 2012, f'dan illi ma jikkomettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta;
   Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Ryan Refalo u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €3,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
9. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja imposti mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dott. Monica Vella LL.D. nhar l-14 ta' April 2020, f'dan illi ma jikkomettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti
   Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Ryan Refalo u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €20,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbilit mill-liġi, tordna lill-imputat sabiex, jekk ikun il-każ, iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat il-provi, l-atti u d-dokumenti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**
**L-Ispettur Alfredo Mangion** xehed illi fl-20 ta' Awissu 2021 waqt li kien *duty officer* ġewwa t-Taqsima ta' Kontra d-Droga kienet daħlet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat aktarx kien ser ikun involut f'attivita illegali li għandha x'taqsam mat-traffikar tad-droga fl-inħawi ta' Triq il-Marsa, il-Marsa. Għalhekk huwa kien mar fuq il-post flimkien ta' PS66 Jonathan Pace, PS891 Oscar Baldacchino u PC1295 Dylan Abela b'żewġ karozzi, u għall-ħabta tat-tlieta innutaw vann iswed tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 jieqaf fi Triq il-Marsa. Minn dan il-vann ħarġet persuna liebsa flokk aħmar, u huwa għaraf li dan kien l-imputat. L-imputat imbagħad ġie nnotat jidħol fil-vann iġorr basket aħdar. Dak il-ħin il-pulizija pruvaw jimblokkaw il-passaġġ tal-vann permezz tal-karozzi tagħhom. Hu u s-Surġent Oscar Baldacchino ħarġu mill-karozzi tagħhom u identifikaw lillhom infushom bħala pulizija. Żied li huma kienu liebsin it-tag tal-pulizija dak il-ħin. L-imputat pero beda jsuq, irriversja fuq karozza ta' terza persuna li kienet għadha kif waqfet warajh, daħal ġo vettura li kienet ipparkjata quddiemu, u beda jsuq fuq il-vettura tal-għamla Toyota Avensis li

kienet qed tinstaq minn PC1295 Dylan Abela, bin-numru tar-reġistrazzjoni AQZ483. PC1295 beda jipprova joħroġ mill-vettura biex jassistihom iżda l-imputat baqa' jidhol fil-vettura bil-konsegwenza li PC1295 ġarrab xi ġrieħi f'saqajh. L-imputat irnexxilu jaħrab minn fuq il-post u huma saqu warajh. Il-vann tal-imputat waqaf wara żewġ karozzi li kienu weqfin fuq *stop sign* fi Triq il-Marsa fil-viċinanzi tal-fergħa tal-Bank of Valletta, ħabat mal-vettura li kienet fuq wara, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCX834, tela` fuq il-bankina u ħarab minn fuq il-post.

Bl-assistenza tal-RIU u s-Supretendent Keith Arnaud saret tfittxija għall-vann, l-imputat u possibilment persuna oħra li kienet riekba fil-vann dak il-ħin. Il-vann instab abbandunat fi Triq il-Gardajja, Marsa, biċ-ċavetta mormija taħtu. Il-vann kellu xi daqqiet kompatibbli mal-ħsarat li saru fuq il-post tal-inċident. Hemmhekk kien hemm diversi *cameras* tas-sigurta. L-imputat ġie eventwalment arrestat ġewwa l-għassa ta' Bormla għall-ħabta tal-ħamsa u kwart meta mar jiffirma. Huwa ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu u kien ħa lil pulizija fi Triq Gardajja fejn kien instab abbandunat il-vann, u identifika lil passiġier bħala Chris Mark Vassallo. Fil-21 ta' Awissu 2021 ittieħdet stqarrija awdjoviżiva wara li l-imputat ikkonsulta mal-avukati tal-fiduċja tiegħu, u waqt l-istqarrija huwa għażel li ma jweġibx għall-maġġoranza tal-mistoqsija li sarulu.

**In kontro-eżami** u mistoqsi jekk il-pulizija kinux liebsin *raid vests* jew xi ħaġa oħra bil-kliem 'pulizija' fuqha huwa wieġeb li kellu tag li kienet tidher ċara u inoltre kemm hu kif ukoll is-Surġent Baldacchino kienu qed jgħajjtu "pulizija, pulizija, pulizija!" Ikkonferma li kien liebes pajżan għaliex meta jkunu qed jagħmlu *raids* relatati ma' droga ma jilbsux l-uniformi iżda mbagħad meta ġew biex iwaqqfu lill-imputat għamlu it-tag tidher. Mistoqsi jekk kinux armati u jekk użawx l-armi qal illi kienu armati u li hu kellu taser gun filwaqt li s-Surġent Baldacchino kellu arma, u kienu urew dawn l-armi meta raw li l-imputat kien ser isuq, iżda dawn qatt ma ġew sparati. Mistoqsi jekk jaqbilx li PC1295 weġġa meta l-imputat kien qiegħed jirriversja qal illi PC1295 kien ix-xufier tal-vettura li pruvat tagħlaq lill-imputat minn quddiem, u l-imputat irriversja ġo karozza li kienet warajh, daħal ġo karozza ipparkjata quddiemu, qala` l-barra u beda jidħol fil-vettura misjuqa minn PC1295 u PC1295 weġġa għaliex prova joħroġ mill-bieb tal-vettura li bl-impatt ngħalaq fuq saqajh. Qabel illi l-vetturi li kienu qed jużaw kienu pajżana u ma kinux immarkati li huma tal-pulizija.

**PC891 Oscar Baldacchino** xehed illi fl-20 ta' Awissu 2021 kien f'operazzjoni dwar droga li kienet tikkonċerna lill-imputat, wara informazzjoni kunfidenzjali li kienet daħlitilhom li l-imputat kien ser ikun involut fi bdil tad-droga. Xi ħin wara nofsinhar l-imputat ġie innutat fi Triq il-Marsa b'vettura tal-għamla Mitsubishi bin-numru tar-reġistrazzjoni LDG105. L-imputat ipparkja, niżel mill-vettura u avviċina residenza iġorr basket f'idu. Wara ftit sekondi reġa avviċina l-vettura li kien wasal biha, u dak il-ħin huma iċċirkondaw il-vettura u avviċinaw lill-imputat sabiex iwaqqfuh. Huma kienu liebsin *tags* tal-pulizija u identifikaw ruħhom bħala pulizija, u għajjtu kemm il-darba lill-imputat biex jieqaf, iżda hu rikeb fil-vettura tiegħu, irriversja fuq il-karozza li kienet ipparkjata warajh, u saq direttament għal ġo fih. Ix-xhud, li kien fil-vettura misjuqa minn PC1295, qabeż għal fuq il-bankina u l-imputat saq għal ġo l-vettura li kienet ipparkjata quddiemu. Dak il-ħin PC1295 kien ħiereġ minn din il-vettura u l-imputat qabadlu saqajh barra l-bieba u kompla jsuq sabiex jaħrab mill-pulizija.

**PS66 Jonathan Pace** xehed illi fl-20 ta' Awissu 2021 hu kien flimkien mal-Ispettur Alfredo Mangion ġo vettura kantuniera l-bogħod minn Triq il-Marsa, għaliex kellhom informazzjoni li xi ħadd kien ser jagħmel xi transazzjoni dwar droga. Wara nofsinhar lemħu Mitsubishi sewda, u l-Ispettur Mangion mill-ewwel għaraf li din kienet tal-imputat. L-imputat waqaf fi Triq il-Marsa u rċevew struzzjonijiet biex javviċinaw. Malli daru l-kantuniera raw il-vann tal-imputat jipparkja u huma waqqfu fuq in-naħa ta' wara, filwaqt li l-vettura l-oħra tal-pulizija, misjuqa minn PC1295 waqfet quddiemu. Is-Surġent Oscar Baldacchino niżel mill-karozza u beda miexi, u bdew jgħajjtu li huma pulizija. L-imputat baqa` jsuq, is-Surġent Baldacchini beda mixi lura u l-vann baqa' miexi lejh, irriversja ġo karozza ta' lewn abjad li kienet ipparkjata u saq b'veloċita qawwija l-isfel. Huma telqu warajh u segwewh għal xi żewġ kantunieri sakemm l-imputat waqaf wara żewġ vetturi ta' terzi li ma kinux involuti. Huma ħasbu li kienu waqqfuh iżda l-imputat ta daqqa lil dawn iż-żewġ karozzi, tela` l-bankina u baqa' sejjer, u tilfuh. Fit-tlieta neqsin ħamsa saru jafu li l-vann daħal ġo Triq Gadrajja, fejn kien hemm xi *cameras* tas-sigurta, u l-filmati relattivi ġew elevati. Din il-vettura ġie *towed* lejn id-*depot* u aktar tard wasal l-imputat akkumpanjat minn pulizija tac-CID.

**In kontro-eżami** xehed illi huwa ma jafx jekk u meta l-imputat ingħatax twissija dwar id-drittijiet tiegħu.

**Reuben Briffa** xehed illi li xi ġimgħatejn qabel id-data tad-deposizzjoni tiegħu, li seħħet fit-2 ta' Settembru 2021, huwa waqaf il-Marsa għal xi t-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar biex jixtri pakkett sigaretti. Kif kien ħa jinżel mill-vettura tiegħu, u ċioe Seat Cordoba bin-numru ta' reġistrazzjoni 999 irriversja vann, laqtu, saq il-quddiem u baqa` sejjer. Dan il-vann kien iswed u kien vann kbir b'kaxxa miftuħa. Spjega li l-vettura tiegħu sofriet ħsarat fil-faċċata, fil-fanal u fil-bonnett, fit-*radiator*, tant li lanqas kien qiegħed isuqha. Dak il-ħin huwa ċempel fuq in-numru tal-emerġenza biex jgħidilhom li kien laqtu` vann u baqa' sejjer. Esebixxa żewġ ritratti immarkati flimkien bħala RB1 u kkonferma li dawn juru l-karozza tiegħu li kienet involuta fl-inċident.

**PS186 Christian Mintoff** xehed u preżenta *lifters* ta' impronti diġitali flimkien ma' numru ta' oġġetti li ttieħdu mill-vettura LDG105 u ġew eżaminati għal skopijiet ta' DNA (DOK CM1 u DOK CM2).

**Svetlana Bugeja** xehdet illi fl-20 ta' Awissu għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kienet wieqfa fuq *Stop Sign* fi Triq l-Irħam, Marsa, wara karozza oħra. Dak il-ħin ġie vann minn warajha, tela` l-bankina, ħadilha l-ġenb, qabiżhom it-tnejn u baqa' sejjer. Iddeskriviet il-vann bħala vann kbir ta' lewn iswed bil-kaxxa. Il-karozza tagħha, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX834, sofriet ħsarat bil-*bumper* ta' wara, fil-*mudguard*, bil-bieba ta' wara, fil-mera u fil-*bumper* ta' quddiem, u f'dan ir-rigward esebiet rapport ta' *surveyor* li ġie immarkat bħala DOK SB1. F'dan ir-rapport il-ħsara ġiet stmata li tammonta għal €1,869.

**In kontro-eżami** xehdet li l-karozza tagħha intlaqtet minn naħa tal-passiġġier. Qalet li hi kienet qed tħares il-quddiem iżda x'ħin semgħat il-ħoss rat il-vann. Qalet illi hija kienet rat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vann, li kien LDG105.

**PC1295 Dylan Abela** xehed illi fl-20 ta' Awissu 2021 kellhom informazzjoni li kien ser ikun hemm xi transazzjoni ta' droga ġewwa Triq il-Marsa, Marsa, li kienet tinvolvi lill-imputat. L-imputat ġie osservat ħiereġ minn residenza iġorr basket u tela` ġo vann tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105. Dak il-ħin huma marru biex iwaqqfuh iżda l-imputat prova jsuq il-quddiem fuqhom, imbagħad irriversja l-karozza u saq għal fuqu waqt li kien qiegħed jipprova jiftaħ il-bieba tal-karozza li kien riekeb fiha, bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ483. Bid-daqqa irkoptejh marret lura u ħabtet mal-i*steering wheel* u kellu xi ġrieħi ħfief fuq koxxtu, u f'dan ir-rigward ikkonferma li ċ-ċertifikat immarkat bħala DOK AM3 huwa ċ-ċertifikat mediku li kien inħareġ fil-konfront tiegħu wara dan l-inċident. L-imputat baqa' jsuq fuq il-karozza tax-xhud u prova jaħrab ġewwa l-Marsa. Spjega li ħin minnhom l-imputat ingħalaq wara żewġ karozzi iżda x'ħin ġew biex jerġgħu jinżlu għalih l-imputat saq fuq il-bankina, laqat iż-żewġ karozzi l-oħra u ħarab. Sussegwentement dan il-vann instab ġewwa Triq Gawdajja, biċ-ċavetta taħtu.

**In kontro-eżami** xehed illi l-vettura li kien qiegħed fiha kienet waħda pajżana, u fiha kien hemm ukoll is-Surġent Oscar Baldacchino, li kien diġa ħareġ mill-karozza u indika lill-imputat li kienu pulizija. Mistoqsi x'kien qiegħed jagħmel l-imputat meta hu prova joħroġ mill-vettura qal li l-imputat irriversja u daħal ġo karozza li kien hemm warajh. Mistoqsi għalfejn ħass il-bżonn li joħroġ mill-vettura spjega li dan għamlu biex iwaqqfu lill-imputat, u żied li dak il-ħin meta prova joħroġ l-imputat kien qiegħed jirriversja u mhux isuq għal fuqhom. Spjega li meta l-vettura tiegħu intlaqtet mill-imputat huwa kien għadu kif qed jiftaħ il-bieba b'irkoptu, u bid-daqqa irkoptu reġgħet daħlet lura u ħabtet mal-*isteering wheel*, u l-imputat baqa' jagħfas fuq il-karozza. Ikkonferma li l-uffiċjali kollha preżenti kienu liebsin pajżana, u li ma kinux liebsin *bullet proof vests* jew *raid vests* li jidentifikawhom bħala pulizija. Żied li hu kien liebes *tag* li kienet tiddentifikah bħala uffiċjal tal-pulizija.

**Is-Supretendent Keith Arnaud** xehed illi fl-20 ta' Awissu tas-sena 2021 kien ġie infurmat mill-Ispettur Alfredo Mangion li l-imputat kien qiegħed jipprepara sabiex jagħmel xi transazzjoni ta' droga ġewwa l-Marsa. Hu kien mar biex jassistihom iżda meta wasal ġie infurmat mill-Ispettur Mangion li l-imputat kien saq fuq il-pulizija b'vettura tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 u ħarab minn fuq il-post. Huwa kien ħa xi ritratti tal-vetturi li kienu involuti fl-inċident, u ċioe karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni IIO999 u oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni CEC408. Ix-xufier tal-vettura IIO999 qallu li kien ra li l-vann kellu n-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 u kien kitbu u bagħtu lil ibnu biex ma jinsieħx, u mill-messaġġ li bagħat kien jirriżulta li l-inċident seħħ fit-tlieta u għaxra ta' wara nofsinhar. Huwa kien kellem ukoll lil sid il-vettura CEC408, Charlie Camilleri, li qal li kellu l-karozza ipparkjata ftit il-bogħod mir-residenza tiegħu, iżda ma kienx ħareġ jiċċekja meta sema` ħoss għal ħabta tat-tlieta. Hu kien involut fit-tfittxija għall-imputat, iżda kif eżatt kienu ser jibdew it-tfittxija ġew infurmati li l-imputat kien jinsab l-għassa ta' Bormla peress li mar jiffirma u li kienu żammewh hemmhekk. U mar hemmhekk minnufih u sab lill-imputat, u dak il-ħin infurmah bir-raġuni għall-arrest u tah it-twissija dwar id-drittijiet tiegħu, u ħallieh sabiex jiġi eskortat lejn id-Depot minn PS442. PS442 kien imbagħad ċempillu biex jgħidlu li l-imputat kien qal li jista' joħodhom biex jurihom fejn ħalla l-vettura tiegħu, u huwa kien qallu biex imorru mal-imputat ħalli jurihom fejn hi l-vettura, għalkemm imbagħad irriżulta li l-vann kien instab qabel l-arrest tal-imputat u ttieħdet il-

laboratorju forensiku ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-pulizija. Huwa esebixxa r-ritratti li kien ħa tal-vetturi, li ġew immarkati bħala DOK KAX1.

**In kontro-eżami** xehed illi hu ma kienx fuq il-post meta seħħ l-inċident, u ma jistax jgħid jekk kienx l-imputat stess li ħa lill-pulizija fejn ħalla l-vann peress li ma kienx magħhom. Ikkonferma li l-vann infetaħ u ġie ttowjat mingħajr ma kienu fil-presenza tal-imputat.

**Ri-prodott** u mistoqsi x'kienet id-deċiżjoni tal-imputat meta kien ingħata d-dritt tal-avukat xehed illi dak il-ħin l-imputat ma tkellem xejn. Ikkonferma li l-imputat ingħata s-solita twissija dwar id-drittijiet tiegħu.

**PS442 Gary Scerri** xehed illi fl-20 ta' Awissu 2021 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar ġew infurmati li xi uffiċjali mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga kellhom bżonn xi assistenza minħabba li xi vettura sewda kien saqet fuqhom u laqtet xi vetturi oħrajn u mbagħad ħarbet minn fuq il-post. Huma marru fuq il-post, u ċioe Triq il-Marsa, Marsa, fejn sabu li kien hemm xi kolliżjoni ma' karozzi ipparkjati kif ukoll ma' karozza tal-pulizija. Hu kellem lil xi nies li kien hemm fuq il-post flimkien mas-Supretendent Keith Arnaud, u mbagħad taw *hand-over* lill-pulizija tad-Distrett. Dan il-ħin ġew infurmati li l-vettura in kwistjoni, tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105, kienet instabet ġewwa Triq Gadrajja, fl-inħawi ta' Albert Town. Huma marru fuq il-post u sabu din il-vettura ipparkjata f'*side street* biċ-ċavetta taħtha. Il-vettura ġie irmunkata u tneħħiet minn fuq il-post, u bdew it-tfittxija għall-persuni li kienu fil-vettura. Waqt li kienu fil-viċinanzi tad-dar tal-imputat, għall-ħabta tal-ħamsa, ġew infurmati li l-imputat kien mar l-għassa ta' Bormla biex jiffirma u kien inżamm hemm. Hu irrikorra fuq il-post flimkien mas-Supretendent Arnaud, li infurma lill-imputat bir-raġuni għall-arrest u tah it-twissija dwar id-drittijiet tiegħu. Is-Supretendent Arnaud ordnalu biex jeskorta lill-imputat id-Depot, u kif daħlu fil-karozza l-imputat qal li ried jurihom fejn kienet tinsab il-karozza. Hu ħallieh joħodhom fuq il-post mingħajr ma qallu li kienu diġa sabuha, u l-imputat ħadhom proprju fi Triq Gadrajja, fejn kienu sabu l-vettura. Hu staqsa lill-imputat x'għamel biċ-ċavetta, u l-imputat qallu li kien ramiha taħt il-karozza. Huwa saqsa wkoll lill-imputat għalfejn kien liebes flokk abjad u mhux aħmar kif kien ġie indikat lilhom, u l-imputat kien qallu li l-flokk l-aħmar kien ramieh fit-triq u ġab il-flokk l-abjad mingħand ommu. Meta waslu d-depot iltaqgħu mal-Ispettur Alfredo Mangion, li staqsa lill-imputat għalfejn kien saq fuqhom, u l-imputat kien qallu li kien għamel hekk għax ma kienx għarafhom.

**In kontro-eżami,** u mistoqsi dwar id-drittijiet li ġie mogħti l-imputat, qal illi l-imputat ġie infurmat bid-drittijiet kollha tas-soltu, inkluż id-dritt għall-avukat, id-dritt għas-silenzju u għall-għajnuna medika. Fir-rigward tad-dritt għall-avukat spjega li dak il-ħin l-imputat ma kienx ta risposta,

**Antwan Mugliett** xehed illi hu kien ġie inkarigat biex jeżamina u jagħmel stima tal-ħsarat fuq erba` vetturi, u preżenta r-relazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward li ġiet immarkata bħala DOK AMX1.

**Joseph Mallia** xehed illi fid-9 ta' Novembru 2021 ħa kopja tal-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat u għamel analiżi komparattiva mal-*lifters*

esebiti mill-pulizija. Huwa preżenta r-relazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward, li ġie immarkata bħala DOK JM1.

**PS1576 Simon Grech** xehed illi fl-20 ta' Awissu 2021 l-Ispettur Mangion kien infurmah bit-telephone li kif jidħol l-imputat sabiex jiffirma l-*bail book* kellu jarrestah fuq inċident fejn kien saq fuq xi pulizija u għamel ħsara fuq xi vetturi. L-imputat mar jiffirma fl-għassa ta' Bormla għal ħabta tal-ħamsa neqsin għaxra u hu tah il-karta tad-drittijiet tiegħu u infurmah li kien qiegħed jarrestah fuq ir-raġunijiet li kien infurmah dwarhom l-Ispettur Mangion.

**Dr Marisa Cassar** xehdet li hija kienet ġiet nominata mill-Qorti sabiex tagħmel analiża komparattiva ta' diversi profili ġenetiċi u minn din l-analiżi irriżulta li kien hemm numru ta' kampjuni li qablu mal-profil ġenetiku tal-imputat, u ċioe swab minn fuq handle tal-bieba tax-xufier, flixkun tal-plastik trasparenti misjub mal-art quddiem is-seat tal-passiġġier u flixkun tal-plastik trasparenti tal-marka Kinnie misjub mal-art quddiem is-sit tal-passiġġier. Din ir-relazzjoni ġiet immarkata bħala DOK MC1.

**Kenneth Schembri** xehed illi l-vettura tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 hija tiegħu. Spjega li fil-ġurnata in kwistjoni l-imputat kien mar b'dan il-vann biex isirlu l-VRT, għalkemm ma deherlux li kien laħaq sar.

**PC1285 Graham Cassar Bencini** xehed illi fl-20 ta' Awissu 2021 kien ġie mitlub mill-Ispettur Alfredo Mangion biex jieħu ritratti forensiċi dwar allegat *ramming* fuq karozzi tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga minn vettura Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105. Huwa preżenta rapport b'dawn ir-ritratti, li kkonferma li ħadhom hu, li ġie mmarkat bħala DOK DCB1.

**Stephania Calafato Testa,** Assistant Reġistratur, Qrati Kriminali u Tribunali, preżentat digriet u kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mgħoti lill-imputat mill-Maġistrat Dr. Giovanni Grixti fil-11 ta' Ġunju 2012, immarkat bħala DOK SCT1. Din il-kawża kienet ġiet deċiża u sussegwentement appellata, u dakinhar tax-xhieda, u ċioe fis-7 ta' Marzu 2023, kienet tinsab differita sine die u kienet ilha differita hekk mis-27 ta' April 2022. Ikkonfermat li għalhekk il-kundizzjonijiet preżentati minnha kienu għadhom in vigore.

**Paul Ciappara,** in rappreżentanza ta' Eurostar Automotive, xehed b'referenza għad-dokument a *fol* 80 tal-atti, illi l-karozza in kwistjoni għandha daqqa fuq il-*bumper* ta' wara, li jrid jiġi żarmat, u hemm bżonn ukoll jiżżarma l-*bumper* ta' quddiem. L-istess vettura għandha danni fuq in-naħa tax-xellug, u hemm bżonn li tinbidel il-bieba u jissprejjaw il-ġenb u l-*bumpers.* Huwa ikkonferma li dan id-dokument għamlu hu.

**Ikkonsidrat;**

Din il-kawża tirrigwarda inċident li seħħ fl-20 ta' Awissu 2021, waqt operazzjoni tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga. Jirriżulta mix-xhieda illi dakinhar kienet daħlet informazzjoni anonima li l-imputat kien ser ikun involut fi transazzjoni ta' droga ġewwa Triq il-Marsa, Marsa. Erba` uffiċjali minn din l-iskwadra, u ċioe l-Ispettur Alfredo Mangion, is-Surġent Oscar Baldacchino, is-Surġent Jonathan Pace u PC

1295 Dylan Abela irrikorrew fuq il-post b'żewġ vetturi. Mix-xhieda jidher illi l-imputat kien wasal fuq il-post b'vann Mitsubishi iswed, bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105, kien ħareġ minnu, u wara ftit reġa mar lejn il-vettura iġorr basket f'idejh. Mix-xhieda jidher li l-imputat kien liebes flokk aħmar. Dak il-ħin l-uffiċjali tal-pulizija għalqu t-triq tal-imputat minn wara u minn quddiem bil-karozzi tagħhom u mill-karozzi ħarġu l-Ispettur Alfredo Mangion u s-Surġent Oscar Baldacchino, li bdew jgħatju "Pulizija, Pulizija, Pulizija!" u jordnaw lill-imputat biex jieqaf. Jirriżulta, u mhuwiex kontestat, li minflok waqaf l-imputat beda jsuq il-vann tiegħu, irriversja u ħabat ġo karozza li kienet ipparkjata wara tiegħu, u saq il-quddiem minkejja li kien hemm il-vettura tas-Surġent Oscar Baldacchino fin-nofs. L-imputat ħabat ma' din il-vettura biex jibqa` għaddej, u dan wassal sabiex PC1295 isofri ġrieħi ħfief f'saqah, kwistjoni li ser tiġi kkunsidrata aktar tard. Għalkemm id-difiża tgħid li PC1295 sofra dawn il-ġrieħi għaliex l-imputat irriversja fuq il-karozza li kien fiha mill-atti jirriżulta l-oppost. Mill-atti jirriżulta li l-vettura li l-imputat irriversja fiha kienet dik bin-numru ta' reġistrazzjoni IIO-999. Sid din il-vettura, Rueben Briffa, li kien fiha dak il-ħin, filfatt ikkonferma li l-imputat ħabat mal-karozza tiegħu għaliex irriversja għal fuqha. Inoltre, mir-ritratti a *fol* 243 u 244 tal-atti jirriżulta li din il-vettura, bin-numru ta' reġistrazzjoni ALY952 filfatt sofriet ħsarat pjuttost estensivi fuq quddiem u fil-ġenb fin-naħa tax-xufier, u dawn il-ħsarat jikkorroboraw il-verżjoni tal-uffiċjali tal-pulizija li l-imputat baqa` dieħel fuq din il-vettura sakemm irnexxilu jaħrab.

L-imputat ressaq linja difensjonali fis-sens illi l-aġir tiegħu kien ġustifikat għaliex l-uffiċjali tal-pulizija li kienu fuq il-post kienu liebsin pajżana u għaliex ma setax ikun ċert li kienu verament pulizija. Id-difiża filfatt targumenta illi l-pulizija għandha l-obbligu li tiddentifika ruħha b'mod viżibbli u inekwivokabbli, billi per eżempju l-uffiċjali jilbsu *bullet proof vest* jew *raid vest* bil-kliem pulizija fuqha, għaliex persuni involuti fiċ-ċirku tad-droga jkollhom il-biża li jiġu attakkati minn xulxin u għalhekk, fiċ-ċirkostanzi u fin-nuqqas ta' identifikazzjoni viżibbli minn naħa pulizija l-aġir tal-imputat kien ġustifikabbli.

Il-Qorti tqis li din id-difiża bl-ebda mod ma tista' tiġi aċċettata. Ibda billi jingħad li din il-Qorti ma temminx it-teżi tad-difiża li l-imputat ma rrealizzax li l-uffiċjali fuq il-post kienu verament membri tal-korp tal-pulizija. Dan ikkonsidrat li mill-atti jirriżulta li l-imputat kien biddel il-flokk tiegħu, minn wieħed aħmar għal wieħed abjad, u ma' PS442 Gary Scerri kien ammetta li l-flokk aħmar kien remieh fit-triq u ġab flokk differenti mingħand ommu. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi Minn studju tal-ġurisprudenza jirriżulta li hija ammissibli ix-xhieda ta' uffiċjal pulizija dwar il-konfessjoni bil-fomm li tkun saret lilu mill-imputat, dejjem jekk ikun laħaq ġie mogħti it-twissija skont il-liġi, u l-konfessjoni tkun saret volontarjament, mingħajr theddid jew wegħdiet. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Pisani** deċiża fis-6 ta' Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet in konsiderazzjoni konfessjoni bil-fomm li l-imputat kien għamel ma uffiċjal tal-pulizija, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-artikolu appena msemmi u wkoll l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali, skont liema ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emnuta, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Psaila** deċiża fl-20 ta' Ġunju 2014, fejn meta l-Qorti ġiet biex tiddeċiedi jekk kellhiex tieħu in konsiderazzjoni jew tiskarta dak mistqarr mill-imputat lill-pulizija

bil-fomm qabel ma ttieħditlu stqarrija bil-mitkub, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "M'hemmx dubju li l-appellat ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali. L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar lgħemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala hearsay. Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li lappellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem. Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija."

Mill-atti jirriżulta li l-imputat kien diġa ġie mgħarraf bir-raġuni għall-arrest tiegħu u ngħata d-debita twissija skont il-liġi dwar id-drittijiet tiegħu meta ammetta ma' PS442 illi kien rema l-flokk li kien liebes u mar iġib ieħor mingħand ommu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, li kieku kien minnu li l-imputat ma rrealizax li l-persuni fuq il-post kienu verament pulizija ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għalfejn jibdel il-flokk, ħaġa li din il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li għamel biex jevita li jingħaraf f'xi tfittxija li tkun qed issir għalih.

Inoltre, din il-linja difenzjonali tal-imputat li hi ippernjata fuq allegata biża li jkollhom persuni involuti fiċ-ċirku tad-droga li jiġu attakkati minn xulxin mhijiex aċċettabli fiċ-ċirkostanzi tal-każ. L-imputat mhuwiex qiegħed jiġi akkużat b'xi reati li jinvolvu traffikar ta' droga, u għalhekk l-Qorti ma tistax tqis jew titratta lill-imputat bħala persuna involuta fiċ-ċirku tad-droga. L-imputat għandu dritt sagrosant li jiġi preżunt innoċenti fir-rigward tal-akkużi li tressqu kontra tiegħu, *multo magis* fir-rigward ta' akkużi li ma sarux, u l-Qorti tkun qed tikser dan id-dritt sagrosant jekk fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-akkadut tqisu bħala xi traffikant, reat li lanqas biss qiegħed jiġi akkużat bih.

Fi kwalunke każ, il-Qorti taqbel mal-prosekuzzjoni illi huwa assurd li wieħed jesiġi li l-membri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga jagħmlu lilhom infushom aktar faċilment identifikabbli bħala pulizija waqt li jkunu qed iwettqu d-doveri tagħhom. Dan ċertament jistultifika x-xogħol siewi li jagħmlu, jesponihom għal aktar periklu milli diġa jkunu esposti għalih u jimminima serjament il-kapaċita tagħhom li jipproteġu lis-soċjeta. Id-difiża tgħid ukoll li ladarba l-pulizija kienu għaddew sabiex iwaqqfu lill-imputat ma kinux għadhom qed jaħdmu *undercover* u għalhekk setgħu jilbsu xi *vest* bil-kliem pulizija. Il-Qorti tqis pero li f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-pulizija jkollha taġixxi ta' malajr żgur li ma jistax jiġi raġonevolment eseġit illi l-pulizija possibilment tħalli lis-suspettat jaħrab sakemm tieħu l-ħin biex tilbes xi *vest* bil-kliem pulizija. Hu huwa iktar u iktar irraġonevoli li l-Qorti tiskuża aġir li

jikkawża dannu lil dawn il-pulizija għaliex ma jkunux ħadu l-ħin biex jilbsu xi *vest,* meta fl-aħħar mill-aħħar *bullet proof vest* tkun ta' protezzjoni għalihom stess u dawn l-uffiċjali jkunu poġġew il-qadi ta' dmirijiethom qabel l-inkolumita tagħhom stess għal benefiċċju tas-soċjeta. Finalment il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daren Debono** fejn ġie kkonsidrat li l-biża li persuna jista' jkollha minħabba l-involviment tagħha f'ħajja ta' kriminalita ma tistax tiġġusitfika jew tiskuża egħmil kontra l-liġi kommess allegatament minħabba tali biża:

> "Din il-Qorti tista' tifhem li jistgħu jqumu sitwazzjonijiet fejn persuna tibqa' ġġorr magħha t-toqol tal-piż tal-passat tagħha. Tifhem ukoll li min ikun involut f'ħajja ta' kriminalita jkun jaf sewwasew kif jaħsbu u jaġixxu l-persuni involuti miegħu f'dak il-qasam li fih kien involut; kif ukoll ikollu idea, piu o meno ċara u realistika, safejn dawn in-nies ikunu jistgħu jaslu. Iżda mill-banda l-oħra din hija preċiżament waħda mir-raġunijiet għaliex bniedem għandu jżomm lura milli jissieħeb f'għaqdiet kriminali jew f'attivitajiet kriminali. Id-dnub ma jorqodx u huwa verosimili li għada pitgħada dak li jkun ikollu jiġi wiċċ imb'wiċċ mar-realta kiefra u kerha ta' passat simili, fejn ikollu jagħmel il-kontijiet mal-passat tiegħu billi jkollu jħares dritt f'għajejn dik ir-realta kerha."

<u>L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni</u>

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat b'tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuna ta' PC1295 Dylan Abela. Permezz tat-tieni imputazzjoni imbagħad l-imputat qiegħed jiġi akkużat li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1295 Dylan Abela.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tosserva li skont il-ġurisprudenza huwa possibli li jkun hemm tentattiv ta' offiża gravi, u meta jkun hemm imputazzjoni bħal din il-prosekuzzjoni trid tressaq prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat kellu intenzjoni speċifika li jikkaġuna xi waħda minn dawk il-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 216 jew 219 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1] Il-ġudikant huwa tenut li jiddetermina, mill-assjem tal-provi u ċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż il-mezz li jkun intuża mill-imputat, jekk bħala stat ta' fatt ġietx pruvata din l-intenzjoni speċifika da parti tal-imputat.

Fil-każ in kwistjoni, kif diġa ingħat, PC1295 kien fuq il-post flimkien ma' uffiċjali oħra mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga wara informazzjoni anonima li kienet waslet lil pulizija li l-imputat kien ser ikun involut f'xi transazzjoni ta' droga. Jirriżulta illi meta l-uffiċjali tal-pulizija raw lill-imputat jersaq lejn il-vettura tiegħu iġorr basket huma għaddew sabiex jagħlqu t-triq tal-imputat minn wara u minn quddiem bil-vetturi tagħhom sabiex l-imputat ma jkunx jista' jitlaq minn fuq il-post. L-Ispettur Alfredo Mangion u s-Surġent Oscar Baldacchino ħarġu mill-vetturi li kienu fihom jgħajtu "pulizija!" sabiex l-imputat jieqaf. Minkejja dan l-imputat saq il-vettura tiegħu, irriversja u ħabat fil-vettura ta' terz li kienet ipparkjata wara l-vann tiegħu, u saq il-quddiem minkejja li kien hemm il-vettura misjuqa minn PC1295 tagħlaqlu t-triq. Jirriżulta mix-xhieda ta' PC1295 stess illi dak il-ħin PC1295 kien qiegħed proprju jiftaħ il-bieba tal-karozza biex joħroġ minnha billi imbuttaha b'irkopptu, u

---

[1] Ara per eżempju: **Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,** Qorti tal-Appell Kriminali (16 ta' Ottubru 2003); **Il-Pulizija vs Mario Camilleri,** Qorti tal-Appell Kriminali (8 ta' Frar 2002); **Il-Pulizija vs Elton Brincat,** Qorti tal-Maġistrati (12 ta' April 2016).

f'dak il-ħin eżatt l-imputat ħabat ma' din il-bieba, bil-konsegwenza li ngħalqet u sieq PC1295 ħabtet mal-*isteering wheel* u b'hekk l-istess PC1295 sofra xi brix fuq koxxtu.

Tenut kont id-dinamika tal-inċident kif tirriżulta mix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li kienu fuq il-post, u ċioe l-Ispettur Alfredo Mangion, is-Surgent Oscar Baldacchino, is-Surġent Jonathan Pace u PC1295 Dylan Abela, il-Qorti ma tqisx illi jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna lil PC1295 xi waħda minn dawk il-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 216 jew 219 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fehma tal-Qorti mix-xhieda jirriżulta manifestament li l-intenzjoni tal-imputat ma kinitx li jikkawża xi waħda mill-konsegwenzi imsemmija lil PC1295 iżda sempliċiment li jaħrab minn fuq il-post. Filfatt, ix-xhieda kollha iddeskrivew l-aġir tal-imputat fil-kuntest ta' ħarba u mhux fil-kuntest ta' xi attakk fuq jew aggressjoni kontra l-pulizija li kienu fuq il-post. Għaldaqstant, fl-assenza ta' prova sal-grad rikjest mill-liġi tal-intenzjoni speċifika tal-imputat, din l-imputazzjoni ma tirriżultax u konsegwentement l-imputat ser ikun qiegħed jiġi lliberat minnha.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u ċioe dik ta' offiża ħafifa volontarja fuq il-persuna ta' PC1295 Dylan Abela, il-Qorti tibda billi tosserva illi jirriżulta sal-grad rikjest mill-liġi li fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri PC1295 Dylan Abela sofra ġrieħi ħfief, konsistenti fi grif fuq in-naħħa ta' quddiem tal-koxxa li ġew iċċertifikati minn Dr. Stephanie Brincat. Issa huwa minnu li l-prosekuzzjoni ma ressqitx lil Dr. Stephanie Brincat bħala xhud sabiex tikkonferma dan iċ-ċertifikat bil-ġurament tagħha. Pero, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut** deċiża fit-2 ta' Awissu 1999:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Fil-fehma ta' din il-Qorti fil-każ odjern m'hemmx dubju raġonevoli li PC1295 verament sofra ġrieħi ħfief. Id-deposizzjoni tiegħu kienet kredibbli, u korroborata mid-deposizzjoni tal-uffiċjali tal-pulizija li kienu fuq il-post miegħu u li telgħu jixhdu quddiem din il-Qorti. PC1295 ikkonferma li ċ-ċertifikat mediku immarkat bħala DOK AM3 huwa ċ-ċertifikat mediku li kien inħariġlu in konnessjoni ma' dan l-inċident. Relevanti wkoll il-fatt li d-difiża mhijiex qed tikkontesta li PC1295 sofra xi ġrieħi, iżda qed tikkontesta biss il-volontarjeta tal-imputat li jikkawża dawn il-ġrieħi, oltre li tikkontendi li l-aġir tal-imputat kien ġustifikat fiċ-ċirkostanzi.

Fir-rigward imbagħad tal-element formali, li huwa l-pern tal-kontestazzjoni tad-difiża, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu 1998 fejn ġie kkonsidrat hekk dwar il-*mens rea* tal-offiża volontarja fuq il-persuna:

> *"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi*

*kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: "To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.*

Inoltre, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia** deċiża fis-16 ta' Mejju 2023 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-element formali tal-offiża fuq il-persuna:

> 29. Kwantu għall-mens rea rikjest, fil-każ ta' offiżi fuq il-persuna, trid tirriżulta l-animus nocendi u ċjoe' lintenzjoni ġenerika li l-awtur tar-reat jikkawża ħsara fil-ġisem ta' ħaddieħor jew fis-saħħa ta' dik il-persuna jew li jġib diżordni f'moħħha bl-azzjoni volontarja tiegħu."

Fil-każ odjern, kif diġa ġie kkunsidrat b'referenza għall-ewwel imputazzjoni, ma jidhirx li l-imputat kellu xi intenzjoni li jweġġa li xi ħadd mill-uffiċjali tal-pulizija preżenti fuq il-post. Mix-xhieda jirriżulta li l-offiża subita minn PC1295 ġiet ikkaġunata mill-imputat mhux b'xi *animus nocendi* iżda b'non-kuranza u inosservanza tar-regoli tas-sewqan, għaliex jidher li dak il-ħin l-imputat kien jimpurtah biss li jaħrab minn fuq il-post. Fl-assenza ta' prova ta' *animus nocendi*, il-Qorti ma tistax issibu ħati tar-reat ta' offiża volontarja ħafifa fuq il-persuna ta' PC1295. Detto dan, ladarba jirriżulta li PC1295 sofra ferita ta' natura ħafifa minħabba l-aġir negliġenti u non-kuranti tal-imputat u l-inosservanza tar-regoli tat-traffiku minn naħa tiegħu, l-imputat qed jiġi misjub ħati tar-reat involut u kompriż ta' offiża ħafifa involontarja, kontemplata fl-artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

Permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat talli m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita` jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Tonna** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2009, fejn dwar din il-kontravenzjoni ġie ritenut hekk:

> "Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati li ordni legittimu moghti mill-Pulizija ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinska ta' dak l-ordni (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Austin Grech" [6.10.1992]). Gie ukoll ritenut li ordni jitqies li hu legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun prima facie legittimu, igifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu w fil-forma li fih jinghata.(ara App. Krim' "Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze" [25.6.1997]"

Fil-każ odjern jirriżulta mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni li l-imputat injora kompletament l-ordni mogħti lilu mill-pulizija sabiex jieqaf. Mhux talli hekk, talli huwa saħansitra daħal bil-vettura tiegħu go numru ta' karozzi oħra, kemm tal-pulizija u kemm ta' terzi, saq fuq bankina, u bi sforz li jaħrab a kwalunkwe kost

ikkawża offiża ħafifa fuq il-persuna ta' PC1295 Dylan Abela. L-ordni mogħti mill-pulizija lill-imputat biex jieqaf kien wieħed *prima facie* regolari, u sar aktar u aktar leġittimu meta l-imputat beda jsuq bl-addoċċ u bla ebda ħsieb għall-inkolumita tal-uffiċjali tal-pulizija u tal-utenti l-oħra tat-triq. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirribadixxi u tagħmel referenza għall-konsiderazzjoni magħmula minnha aktar il-fuq dwar il-linja difensjonali tal-imputat illi l-aġir tiegħu kien iġġustifikat, li din il-Qorti ikkonsidrat bħala legalment insostenibbli. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tirriżulta ampjament pruvata.

<u>Ir-Raba` Imputazzjoni</u>
Permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat talli ikkaġuna ħsara volontarja f'ammont li jeċċedi s-somma ta' €2,500 a dannu ta' diversi persuni.

Mill-atti jirriżulta ampjament li l-imputat ikkaġuna danni fuq erbgħa vetturi, ossia dawk bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ-483, LCX-834, CEC408 u IIO-999. Dan jirriżulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-uffiċjal tal-pulizija li kienu fuq il-post, u ċioe l-Ispettur Alfredo Mangion, is-Surgent Oscar Baldacchino, is-Surgent Jonathan Pace u PC1295 Dylan Abela. Inoltre, is-sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IIO-999, Rueben Briffa, u s-sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCX-834, Svetlana Bugeja, it-tnejn xehdu quddiem il-Qorti u kkonfermaw illi raw il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LDG105 tidħol fil-vettura tagħhom u tikkawża l-ħsara sofferta minnhom.

Bħala prova ta' dawn il-ħsarat il-Qorti għandha wkoll ir-rapport tal-espert Tekniku Antwan Mugliett, immarkat bħala DOK AMX1, li jinkludi ritratti tal-ħsarat riskontrati f'dawn il-vetturi kif ukoll stima tal-valur tad-danni għal kull vettura individwali. Komplessivament, id-dannu jammonta għas-somma ta' €8,433.44.

Il-Qorti tqis pero illi ma jirriżultax li l-imputat ikkawża dawn il-ħsarat volontarjament. Jirriżulta li dawn il-ħsarat ġew kaġunati minħabba s-sewqan perikoluż u non-kuranti tiegħu, iżda ma tirriżultax xi intenzjoni li jikkaġuna ħsara. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax issibu ħati tar-reat ta' ħsara volontarja, iżda qed issibu ħati tar-reat involut u kompriż ta' ħsara involontarja, ai termini tal-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali.

<u>Il-Ħames, Sitt u Seba` Imputazzjoni</u>
Dawn it-tlett imputazzjonijiet huma bbażata fuq l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu għar-reat ta' sewqan perikoluż, traskurat u bla kont.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-liġi ma tagħtix definizzjoni tat-terminoloġija "perikoluż" "traskurat" jew "bla kont" iżda l-ġurisprudenza tal-qrati Maltin dwar it-tifsira ta' dawn it-termini użati mill-liġi hija kostanti. Skont din il-ġurisprudenza, sewqan perikoluż, traskurat jew bla kont huwa dak is-sewqan li ma jsegwix *standard* ta' sewqan mistenni minn sewwieq prudenti u diliġenti fiċ-ċirkostanzi partikolari. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret dawn it-termini bil-mod segwenti:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jlahhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn

sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq ilmod jew kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn ilgrad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba lprobabilita` ta' ħsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ccirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita` tal-incident u lprezenza o meno tat-traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u ssewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz – (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, App. Kriminali 21/5/1996)."

Inoltre, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** intqal illi:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo*** *14.3.59 ;* ***Pul. vs. Wilson****, Vol. XXXIX p. 1018 u* ***Pul. vs. Alfred Vella****, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham*** *, 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' recklessness" (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye ".(App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina*** *, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul.vs. Antonio Spiteri*** *, Vol. XLIV , p.892)*

*Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali:* ***"The Police vs. Gunner Brian Wilson"*** *[7.5.1955] li :- "It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara ukoll f'dan is-sens: App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs.***

*Manwel Mallia"* [9.3.1959] u *"**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo**" [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)*
*Umbaghad fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**" ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*
*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu." (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol.XXXIX, iv. p.978)*
*Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati "kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Neil Dalli** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2023 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ġie kkunsidrat hekk:

> "49. Illi, il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi regolamenti li l-għan tagħhom huwa li jiggarantixxu ordni fit-toroq bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet li jippenalizzaw lis-sewwieqa li ma josservawhomx. L-iskop tal-Liġi huwa li tħares lil sewwieqa, pedestrians u persuni oħra minn inċidenti fejn jista' jkun hemm ħsara fiżika jew patrimonjali. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma tagħtix definizzjoni ta' 'sewqan traskurat' u 'sewqan perikoluż'; però huwa mifhum ġurisprudenzjalment li din neċessarjament tirreferi għal sewqan li jkun jiddipartixxi kien dak is-sewqan kawt, diliġenti u responsabbli li huwa mistenni minn kull sewwieq sabiex ma jikkawżax sinistri stradali u jkun ta' ħsara lil terzi.
> 50. Sewqan spavald jew li ma jkunx isegwi dawk in-normi ta' sikurezza li teħtieġ il-Liġi, ikun jammonta għall-sewqan traskurat in kwantu nieqes minn dawk il-konsiderazzjonijiet li jeħtieġ li jagħmel sewwieq bil-għan li ma jkunx ta' perikolu għall-ħaddieħor; daqskemm sewqan perikoluż ikun wieħed għal kollox azzardat u realment ta' perikolu għall-ħaddieħor."

Fil-każ odjern jirriżulta mix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li kienu fuq il-post, u mix-xhieda ta' Rueben Briffa u Svetlana Bugeja, li s-sewqan tal-imputat kien azzardat u ta' periklu għall-ħaddieħor. In-non-kuranza tal-imputat għall-periklu li kien qed effettivament joħloq lill-utenti l-oħra tat-triq tirriżulta mingħajr l-ebda dubbju. Dan tant illi l-imputat ikkawża danni sostanzjali f'ben erba` vetturi, u weġġa lil PC1295 Dylan Abela. Jirriżulta li l-imputat saħansitra saq fuq bankina, u wkoll li kkawża dannu fil-vettura ta' Svetlana Bugeja proprju waqt li kienet wieqfa fuq *stop sign*, mill-liema *stop sign* l-imputat qabad u ħareġ mingħajr ebda ħsieb għall-periklu li kien qed joħloq b'dan is-sewqan azzardat tiegħu. Għaldaqstant dawn l-akkużi, li flimkien jirrappreżentaw reat wieħed, jirriżultaw ampjament mill-provi.

It-Tmien u d-Disa` Imputazzjoni

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qiegħed jiġi akkużat talli kkommetta reat ta' natura volontarja bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati, f'digriet datat 11 ta' Ġunju 2012 u ieħor datat 4 ta' April 2020 rispettivament.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-prosekuzzjoni ma resqet assolutament l-ebda prova fir-rigward tad-disa` imputazzjoni. Għaldaqstant din l-imputazzjoni neċessarjament tfalli fuq nuqqas ta' provi.

Fir-rigward tat-tmien imputazzjoni, mill-atti jirriżulta illi l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest fi proċeduri separati mill-Maġistrat (issa Imħallef) Dr. Giovanni Grixti, permezz ta' digriet datat 11 ta' Ġunju 2012. Vera kopja tal-akkużi relattivi, tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest, u tad-digrieti ta' varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ġew preżentanti mill-Assistant Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunalim li wkoll ikkonfermat li sal-2023 il-proċeduri kienu għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u tali kundizzjonijiet kienu għadhom in vigore.

Id-difiża targumenta li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-akkuża għaliex ma ikkommetta l-ebda reat ta' natura volontarja. Dan l-argument pero huwa manifestament infondat. Permezz ta' din is-sentenza l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' sewqan perikoluż u traskurat, u ċioe ta' reat ta' natura volontarja. Għaldaqstant jissussistu l-element kollha sabiex l-imputat jiġi misjub ħati tar-reat addebitat lilu permezz tat-tmien imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fir-rigward tat-tieni u r-raba` imputazzjoni, skont il-liġi il-piena li għandha tiġi inflitta mill-Qorti f'każ ta' ħtija hija l-piena applikabbli għall-kontravvenzjonijiet. Skont l-artikolu 7(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena applikabbli f'każ ta' kontravvenzjoni hija dik ta' ċanfira, ammenda jew detenzjoni. Skont l-artikolu 12(2) u 13(1) imbagħad iż-żmien massimu ta' detenzjoni huwa ta' xahrejn filwaqt li l-ammenda għandha tkun mhux inqas minn €6.99 u mhux aktar minn €58.23.

Fir-rigward tal-ħames, sitt, u seba` imputazzjoni skont l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena applikabbli f'dan il-każ hija ta' multa f'massimu ta' €1,200 jew priġunerija ta' mhux aktar minn sena.

Fir-rigward tat-tmien imputazzjoni, l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-piena applikabbli hija ta' multa u/jew priġunerija għal mhux inqas minn erba` xhur u mhux aktar minn sentejn. Peress illi dan l-artikolu ma jistabilixxi l-ebda minimu u massimu ta' multa, huwa applikabbli l-artikolu 11(1) skont liema allura l-minimu huwa ta' €23.29 filwaqt li l-massimu huwa ta' €1,164.69.

Il-Qorti mhijiex qed tieħu in konsiderazzjoni l-piena applikabbli fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li hija ta' natura kontravvenzjonali, fid-dawl ta' dak provdut fl-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li ħadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat instab ħati, il-fatt li dawn ġew kommessi waqt li l-imputat kien qiegħed igawdi mill-benefiċċju

tal-ħelsien mill-arrest, il-fatt li l-imputat ikkawża ħsara li tiskorri it-tmint`elef ewro, u l-fatt li weġġa uffiċjal tal-pulizija li kien qiegħed jagħmel xogħolu, il-Qorti tqis illi fir-rigward tat-tieni u r-raba` imputazzjoni l-piena ta' ċanfira jew ta' ammenda assolutament mhumiex idoneji biex jirrifletti r-realta tal-każ. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-piena ta' detenzjoni hija l-aktar piena idoneja biex tirrifletti r-reati kommessi mill-imputat u l-konsegwenzi tagħhom.

Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu msemmija, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-akkużi li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputatazzjonijiet u l-fedina penali tiegħu, u wara li applikat ir-regola stabbilita fl-artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tkun dik ta' xahrejn detenzjoni u multa ta' elf ewro.

B'żieda ma' dan fir-rigward tal-ħames, sitt u seba` imputazzjoni, il-Qorti ser tkun ukoll qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien sitt xhur, ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tat-tmien imputazzjoni l-prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti sabiex "tordna li s-somma ta' 3,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)…tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta." Mill-atti jirriżulta pero li s-somma stabbilita fil-ħelsien mill-arrest hija f'ammont globali ta' €10,000. Dan peress illi skont id-digriet tal-11 ta' Ġunju 2012 (*fol* 283) l-imputat kellu jiddepożita s-somma ta' €3,000 u jagħmel garanzija personali ta' €3,000, liema ammonti ġew imbagħad miżjuda għal €5,000 kull wieħed permezz ta' digriet tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2012 (*fol* 288). Fil-fehma tal-Qorti dan l-iżball minn naħa tal-prosekuzzjoni ma jfissirx pero li din il-Qorti tista' biss tordna l-konfiska ta' €3,000. Dan billi l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jibbażax il-poter tal-Qorti li tordna l-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest fuq xi talba minn naħa tal-prosekuzzjoni. A kuntrarju, dan l-artikolu joħloq obbligu mandatorju fuq il-Qorti li tordna tali konfiska, ikkonsidrat l-użu tal-kelma "għandha" u l-unika diskrezzjoni li jħalli l-Qorti huwa fl-ammont preċiż tal-ammont li għandu jiġi kkonfiskat. Ikkonsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti tqis illi għandha tordna l-konfiska tas-somma ta' ħamest elef ewro li ġew depożitati.

Fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat u l-ordni ta' rearrest immedjat, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Priviledge Mupimhidzi** deċiża fid-29 ta' Lulju 2024 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "…meta persuna tingħata l-ħelsien mill-arrest hija għandha taderixxi mal- kundizzjonijiet imposti fuqu b'mod rigoruż.
>
> […]
>
> Fir-rigward tar-revoka tal-ħelsien mil-arrest u tal-arrest mill-ġdid tal-appellant allura imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li jiddisponi Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u qieset li l-Prosekuzzjoni talbet ir-revoka tal-ħelsien u l-arrest mill-ġdid tal-appellant u tinnota li l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet dawn iż-żewġ talbiet imsemmija u dana fid-dawl ta' dak li ngħad li persuna għandha taderixxi b' mod rigoruż mal-kundizzjonijiet meta tingħata l-ħelsien mill-arrest."

Fil-każ odjern l-imputat qiegħed jinstab ħati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali proprju għaliex permezz ta' din is-sentenza qiegħed jinstab ħati talli kkommetta reat waqt li kien qiegħed igawdi mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa l-aktar ksur gravi ta' kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li wieħed jista` jikkometti. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi t-talba tal-prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest hija ġustifikata u ser tiġi milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

i. Tillibera lill-imputat milli-ewwel u d-disa` imputazzjoni;
ii. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, issib lill-imputat mhux ħati talli volontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq ġisem PC1295 Dylan Abela, iżda wara li rat l-artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issibu ħati tar-reat involut u kompriż ta' offiża involontarja ħafifa fuq il-persuna tal-istess PC1295 Dylan Abela;
iii. Fir-rigward tar-raba` imputazzjoni, issib lill-imputat mhux ħati talli ikkawża dannu volontarju, iżda wara li rat l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issibu ħati tar-reat involut u kompriż ta' ħsara involontarja;
iv. Wara li rat l-artikoli 338(ee) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta issibu ħati tat-tielet, ħames, sitt, seba` u tmien imputazzjoni kif dedotti

U tikkundannah għal piena ta' ħlas ta' multa ta' elf ewro (€1,000) u xahrejn detenzjoni.

Ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda inoltre tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) depożitati għall-finijiet ta' Ħelsien mill-Arrest bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Giovanni Grixti, datat 11 ta' Ġunju 2012, kif sussegwentat emendat mill-Qorti Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2012.

Il-Qorti tilqa` t-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Ġunju 2012, kif ukoll ta' kull Digriet ta' varjazzjoni sussegwenti għal tali Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest, u tordna l-arrest mill-ġdid b'effett immedjat tal-imputat.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas :

i. Is-somma ta' elfejn, ħames mija u tlieta u erbgħin ewro (€2,543) rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Antwan Mugliett.
ii. is-somma ta' sitt mija u tlieta u għoxrin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€623.65) rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Joseph Mallia

iii. is-somma ta’ tlett elef, disa` mija u erbgħa u sittin ewro u tmenin ċenteżmu (€3,964.80) rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Marisa Cassar

Il-Qorti tordna, ai termini ta’ l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur